# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 1 ta' Diċembru 2021**

**Talba numru 280/2021SFJ**

**DORIANNE AZZOPARDI**

**(0434383M)**

**VS.**

**CARLOS SCERRI**

**(0081374M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu l-attriċi talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' erbat elef u tmien mija u tnejn u ħamsin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€4,852.71) rappreżentanti l-awment fil-manteniment pagabbli fir-rigward ta' minuri, b'effett mis-sena 2010, liema żieda fil-manteniment ġiet ikkalkulata abbażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja u dan skont sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) bir-referenza 937/2003NC (deċiża fit-30 ta' Ottubru 2008);

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat fis-7 ta' Ottubru 2021 iżda ma ppreżenta ebda Risposta għalkemm deher fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2021; u

Qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-1 ta' Diċembru 2021.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal osserva li għalkemm il-konvenut ma ppreżentax Risposta, huwa deher fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2021. Madankollu, anki meta deher assistit, essenzjalment ma qal xejn. Ċertament ma qal xejn biex juri ruħu oppost għat-talbiet tal-attriċi.

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

It-Tribunal ra s-sentenza li fuqha l-attriċi ssejjes it-talbiet tagħha. Din is-sentenza tgħid li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi tmienja u ħamsin Ewro (€58.00) fil-ġimgħa għall-minuri Craig sakemm l-istess minuri jew isir maġġorenni jew jibda jaħdem bi qliegħ adekwat. Il-manteniment għandu jiġi awmentat kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

L-attriċi ppreżentat affidavit ta' Samuel Amato, *senior manager* fi ħdan NCMB Consulting, ditta ta' *accountants*. Dan ippreżenta l-kalkoli tiegħu u ħalifhom. Huwa spjega li għas-snin 2008 u 2009, il-manteniment versat mill-konvenut kien korrett u ma kien kolpit b'ebda rata ta' inflazzjoni. Madankollu, bejn is-snin 2010 u 2021, il-konvenut baqa' jħallas tlett elef u sittax-il Ewro (€3,016) fis-sena mingħajr ma jikkalkula l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Amato għalhekk ikkonkluda li l-attriċi kellha tieħu erbat elef u tmien mija u tnejn u sittin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€4,862.71).

It-Tribunal fehem sewwa l-kalkoli ta' Samuel Amato u ma jsib xejn x'jiċċensura fihom.

Inoltre, dawn il-provi ma ġewx opposti mill-konvenut.

It-Tribunal, madankollu, josserva li l-ammont mitlub mill-attriċi huwa għaxar Ewro (€10.00) inqas mill-ammont indikat fil-kalkoli ta' Samuel Amato. Billi t-Tribunal huwa obbligat joqgħod strettament fil-parametri tal-kawża, ma jistax jagħti lill-attriċi ammont ogħla minn dak li talbet hija stess.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li ra s-sentenza relattiva tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) u wara li ra l-kalkoli tal-*accountant* Samuel Amato, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attriċi fl-ammont ta' erbat elef u tmien mija u tnejn u ħamsin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€4,852.71) u jikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont lill-attriċi.

Rigward il-ħlas tal-interessi, it-Tribunal jirreferi għal fol. 12 tal-proċess u jordna li l-interessi jiddekorru b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi fuq l-ammonti indikati fil-kolonna intestata "*Variance in EUR/year*" b'tali mod li l-interessi għandhom ikunu kkalkulati separatament fuq il-*variance* ta' kull sena (ossia d-differenza bejn l-ammont li kellu jitħallas u l-ammont attwalment imħallas mill-konvenut).

Billi ma ġiet ippreżentata ebda prova li saret xi ittra legali, it-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba li permezz tagħha ntalbu l-ispejjeż tal-istess.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**